**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 25 ta' Awwissu 2022**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 104/2022 JVC**

**Raven Hodgson (ID 0107262A)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Raven Hodgson ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

‘**<u>Dikjarazzjoni tal-Fatti</u>**

1. Din l-azzjoni qieghda tigi ppreżentata abbażi tal-Art 253 *et seq* tal-Kodici Civili (Kap 16) tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi r-rikorrenti, **Raven Hodgson**, twieldet fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tal-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) gewwa Lewisham fir-Renju Unit u mat-twelid inghatat l-isem ta' Jordan Mikela Attard Hodgson, hekk kif jidher mic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti originarjament irregistrat f' Lewisham fid-disgha (9) ta' Lulju tal-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), bin-numru BAY740710, anness u mmarkat bhala **Dok A**;

3. Illi mal-ewwel opportunità li offritilha l-ligi, u allura jigifieri malli ghalqet l-età ta' tmintax-il (18) sena, ir-rikorrenti permezz ta' *Deed Poll* datata l-ghaxra (10) ta' Gunju tal-elfejn u sittax (2016), annessa u mmarkata bhala **Dok B**, biddlet l-isem u l-kunjom moghtija lilha fit-twelid ghall-isem u kunjom preżenti taghha li huma **Raven Hodgson**.

4. Illi skont kif tippermetti s-sistema legali tar-Renju Unit, permezz ta' dan id-Deed Poll ir-rikorrenti irrinunzjat u abbandunat l-uzu tal-isem Jordan Mikela Attard Hodgson u kkonfermat li mid-data tal-Att u cioe` mill-ghaxra (10) ta' Gunju tal-elfejn u sittax (2016) l-atti u pubblikazzjonijiet kollha ghandhom jaqraw ‘**Raven Hodgson**’;

5. Illi wara r-registrazzjoni ta' *Deed Poll*, l-uzu tal-isem u l-kunjom precedenti tal-persuna huwa strettament projbit milli jigi użat mill-istess, u dan proprju sabiex ma jinholoq ebda kaz ta' identità doppja. Din il-projbizzjoni mhijiex applikabbli biss gewwa l-

gurisdizzjoni tar-Renju Unit iżda tkompli tapplika madwar id-dinja kollha;

6. Illi minn mindu sehhet il-bidla fl-isem tar-rikorrenti prezz tad-*Deed Poll*, ir-rikorrenti bagghet tuża l-istess isem **Raven Hodgson** fil-hajja personali u professjonali taghha, u kienet dejjem maghrufa b'dan l-isem;

7. Illi di fatti kwalunkwe dokumenti antecedenti ghad-Deed Poll inkluż passaport tar-Renju Unit bin-numru 538132174 mahrug fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu tal-elfejn u sittax (2016), anness u mmarkat bhala **Dok C**, inhargu fuq l-isem '**Raven Hodgson**';

8. Illi r-rikorrenti hi cittadina ta' Malta, u ilha tghix Malta ghal madwar hmistax-il (15) sena;

9. Illi ir-rikorrenti registrat l-Att tat-Twelid taghha fir-Registru Pubbliku ta' Malta, u dana sabiex a bazi ta' hekk ikun jista' jinhargu a favur tal-istess rikorrenti c-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija u l-passaport Malti;

10. Illi ir-rikorrenti akkwistat Certifikat ta' Cittadinanza Maltija fl-erbgha (4) ta' Mejju tal-elfejn u tmintax (2018), u allura hija ntitolata ghad-drittijiet u l-privileggi kollha ta' cittadin ta' Malta, u dan kif juri c-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija bin-numru 21189 (kopja annessa u mmarkata bhala **Dok D**), li wkoll hareg fuq l-isem taghha skont id-Deed Poll jigifieri **Raven Hodgson**;

11. Illi anke l-permess ta' residenza tal-istess rikorrenti mahrug minn Identity Malta fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tal-elfejn

u wiehed u ghoxrin (2021) u li jgib in-numru MT7571495, anness u mmarkat bhala **Dok E**, ukoll inhareg fuq isimha jigifieri **Raven Hodgson**;

12. Illi ghaldaqstant, kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi, ir-rikorrenti ilha sa minn meta saret maggorenni, jigifieri mis-sena (2016) maghrufa bl-isem ta' **Raven Hodgson**, u fil-fatt ghall-Istat Malti, hija kienet dejjem maghrufa b'dan l-isem, inkluż f'dokumenti mahruga minn Dipartimenti lokali surreferiti;

13. Illi kif jirrizulta anke mid-dokumenti annessi, ir-rikorrenti hi maghrufa bhala **Raven Hodgson**. Dawn id-dokumenti jikkonsistu f'dawn:

- *Cambridge English Language Teaching Assessment*, mahrug mill-Università ta' Cambridge fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tal-elfejn u sittax (2016), anness u mmarkat bhala **Dok F**

- *English Language Teaching Permit*, bin-numru 7130 u mahrug mill-ELS Council fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tal-elfejn u ghoxrin (2020), anness u mmarkat bhala **Dok G**

- Rizultat tad-Driving *Theory Test* bin-numru 7130 u mahrug minn Transport Malta fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tal-elfejn u tmintax (2018), anness u mmarkat bhala **Dok H**

- *Certificate in Teaching English to Adults*, mahrug minn IELS Malta f'Awwissu tal-elfejn u sittax (2016), anness u mmarkat bhala **Dok I**

**<u>Ragunijiet ghat-talbiet</u>**

14. Illi r-rikorrenti tixtieq tapplika, kif ghandha dritt taghmel bhala cittadina Maltija, ghal passaport Malti izda meta ricentement ippruvat tapplika ghall-passaport Malti, hi giet infurmata mill-Ufficju tal-Passaporti li stante li l-Att tat-Twelid taghha gewwa Malta ghadu jaqra Jordan Mikela Attard Hodgson, l-ufficju ma jistax johrogilha passaport bl-isem proprju taghha ta' Raven Hodgson, u dan minkejja li ilha ghal dawn l-ahhar sitt snin maghrufa b'dan l-isem u li l-passaport li inhareg lilha mir-Renju Unit kien jaqra proprju hekk;

15. Illi jekk il-passaport Malti jinhareg a bażi tal-Att tat-Twelid surreferit se tinholoq konfużjoni ghaliex jinghata lok ghall-holqien ta' identità doppja jew nuqqas ta' kjarezza dwar l-identità tar-rikorrenti;

16. Illi ghalhekk ir-rikorrenti tinsab fi stat fejn ghandha cittadinanza Maltija iżda ma tistax tapplika ghal passaport Malti minhabba l-bidla li saret f'isimha b'mod li bih tippermetti l-ligi tar-Renju Unit u ghaldaqstant m'ghandiex passaport Malti;

17. Illi ghalhekk ir-rikorrenti tixtieq tirregola l-pożizzjoni taghha u taffettwa t-tibdil necessarju sabiex l-atti ufficjali taghha mahruga mill-awtoritajiet Maltin sabiex dawn jirriflettu r-realtà tal-fatti fejn jirrigwarda l-isem li bih hi maghrufa, u ma tkomplix tigi ikkreata konfużjoni u b'hekk tigi eliminata kull inkonsistenza bejn id-dokumenti ufficjali ta' Malta u tar-Renju Unit dwar l-identità tar-rikorrenti;

18. Illi fir-Renju Unit kull individwu ghandu d-dritt illi b'mod liberu jbiddel ismu/isimha permezz ta' kuntratt maghruf bhala Deed Poll u minkejja li m'hemm l-ebda ligi f'dan il-mument li tirregola u tirrikonoxxi dawn id-Deed Polls fil-ligi Maltija, dawn id-Deed Polls gew accettati f'Malta b'mod konsistenti fil-prattika u f'deċiżjonijiet tal-Qrati Maltin, peress li din hija prattika komuni addottata fir-Renju Unit;

19. Ghall-kuntrarju tal-ligi Ingliża, l-awtoritajiet Maltin ma jirrikonoxxux awtomatikament il-bidla fl-isem ta' persuna permezz ta' Deed Poll u huwa ghalhekk illi din l-Onorabbli Qorti ghandha l-awtorità u s-setgha li taghmel dan;

20. Illi ghar-ragunijiet suesposti dan ir-rikors qieghed jigi sottomess lil din l-Onorabbli Qorti.

**<u>Talbiet</u>**

Ghaldaqstant, r-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tordna l-pubblikazzjoni relattiva fil-Gazzetta tal-Gvern tal-inqas hmistax-il (15) jum qabel is-smiegh tal-kawża, u dan ai termini tal-Art 254 tal-Kodici Civili (Kap 16) tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-isem u l-kunjom korretti tar-rikorrenti huwa '**Raven Hodgson**' kif validement mibdulha mir-rikorrenti permezz tad-Deed Poll datat l-10 ta' Gunju 2016, ai termini tal-Art 253 et seq tal-Kodici Civili (Kap 16) tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att tat-twelid tar-rikorrenti, u dan billi isem ir-rikorrenti jigi rrangat minn 'Jordan Mikela' ghal '**Raven**' u kunjomha minn 'Attard Hodgson' ghal '**Hodgson**', u dana fi żmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat, ai termini tal-Art 253 *et seq* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirrilaxxja lir-rikorrenti certifikat iehor tat-twelid bil-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet relattivi;

5. Tordna li l-passaport Malti tar-rikorrenti jinhareg bid-dettaliji kif ikoreguti, jigifieri bl-isem '**Raven Hodgson**';

6. Tordna li l-bdil effettwat fl-att tat-twelid tar-rikorrenti in segwitu ghall-korrezzjoni u registrazzjoni relattiva jigi rifless ukoll f'kull Att tal-Istat Civili iehor relattiv ghall-istess rikorrenti.

Salv kull provvediment iehor li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra d-Direttur intimat li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi preliminarjament, l-esponent jeċċepixxi illi in kwantu r-rikorrenti tgħid li qed issejjes l-azzjoni tagħha fuq l-artikolu 253

*et seq* tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16) tal-Liġijiet ta' Malta, isegwi illi l-azzjoni tagħha hija improponibbli stante illi in effetti, l-att tat-twelid tagħha għadu mhux irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta. L-artikolu 253(1) jgħid testwalment li "Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet jew tħassir ta' reġistrazzjoni, jew għar-reġistrazzjoni ta' att illi d-Direttur, bil-kunsens tal-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, ikun irrifjuta li jirċievi." It-talba tar-rikorrenti għalhekk ma tista' tinkwadra bl-ebda mod taħt dan l-artikolu, stante illi mhix qed titlob korrezzjoni f'att li huwa rreġistrat, u lanqas qed tallega illi d-Direttur intimat irrifjuta li jirreġistra l-att tat-twelid tagħha;

**2.** Illi in vena preliminari wkoll, tenut kont tal-fatti tal-każ, l-esponent jissottometti illi l-azzjoni tar-rikorrenti kellha tkun imsejsa fuq l-artikolu 257(1)(b) tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid illi l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili għandu jkollha s-setgħa illi tordna li jsiru l-annotazzjonijiet meħtieġa fuq l-Att tat-Twelid ta' persuna u fuq kull att ieħor tal-istat ċivili li fih jidhru l-isem u l-kunjom tal-imsemmija persuna sabiex l-imsemmi tibdil fl-isem u/jew fil-kunjom ikun magħruf qabel issir ir-reġistrazzjoni tal-Att relattiv u għalhekk, la darba din l-azzjoni kellha tinbeda quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors odjern;

**3.** Illi bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

**4.** Illi mir-rikors promotur jidher illi skont l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti maħruġ mir-Renju Unit, ir-rikorrenti twieldet fit-23 ta' Ġunju 1998 f'Lewisham, u li mat-twelid ingħatat l-isem Jordan Mikela Attard Hodgson, iżda jidher illi mal-ewwel opportunità li kellha, r-rikorrenti għamlet *deed poll* datat 20 ta' Ġunju 2016, u bidlet isimha u kunjomha għal Raven Hodgson. Tali bidla jidher illi hija riflessa fil-passaport Britanniku tar-rikorrenti, kopja ta' liema ġiet annessa mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkata 'Dok. C';

**5.** Illi fir-rigward tad-*deed polls* jew *change of name deeds*, għalkemm dawn m'humiex regolati mil-liġi nostrana, għandu jiġi sottolineat illi l-Qrati tagħna ddeċidew illi sabiex *deed poll/change of name deed* ikun jista' jiġi rikonoxxut f'pajjiż esteru, għandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll/change of name deed* ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tiegħu skont il-liġi tal-pajjiż konċernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' reġistrazzjoni;[1]

**6.** Illi l-esponent ma jistax jieħu in konsiderazzjoni d-*deed poll* in kwistjoni sakemm l-istess *deed poll* ma jiġix rikonoxxut minn din l-Onorabbli Qorti, stante illi sabiex jirreġistra atti tal-istat ċivili esteri fir-Reġistru Pubbliku, huwa obbligat li jsegwi l-proċedura kif ikkontemplata fl-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**7.** Illi l-esponent jinnota illi r-rikorrenti, *inter alia*, esebiet mar-rikors promotur kopja tad-*deed poll* in kwistjoni u evidenza biex turi li l-isem użat minnha huwa 'Raven Hodgson', u dan naturalment

---

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011, **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku**, deċiża mil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Lulju 2015, **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' April 2019.

bl-intiża li ssostni t-talbiet kif dedotti minnha. Fid-dawl ta' dan, l-esponent filwaqt illi jerġa' jagħmel referenza għall-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu, jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

8. Illi fir-rigward tal-ewwel talba attriċi, l-esponent jissottometti illi *se mai*, il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tista' ssir biss wara li jkun irreġistrat l-att tat-twelid tar-rikorrenti fir-Reġistru Pubbliku, u b'hekk neċessarjament ser tkun meħtieġa wkoll korrezzjoni fl-okkju tal-proċedura istanti ai termini tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Illi t-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt talba attriċi jistgħu jiġu kkunsidrati biss kemm-il darba jiġi rreġistrat l-att tat-twelid tar-rikorrenti fir-Reġistru Pubbliku;

10. Illi fir-rigward tat-tieni talba attriċi, fejn issir referenza għad-deed poll datat 10 ta' Ġunju 2016, jingħad li d-deed poll anness mar-rikors ġuramentat promotur huwa datat 20 ta' Ġunju 2016, u għalhekk l-esponent huwa tal-umli fehma illi r-rikorrenti għandha tirregola ruħha u possibilment titlob li ssir il-korrezzjoni opportuna fit-tieni talba tagħha;

11. Illi f'każ li tintlaqa' r-raba' talba attriċi, l-esponent ikun jista' joħroġ Att tat-Twelid illi jirrifletti l-korrezzjonijiet li jistgħu ikunu ordnati minn din l-Onorabbli Qorti kemm-il darba jitħallsu d-drittijiet ai termini tal-Ewwel Skeda tal-Kodiċi Ċivili;

12. Illi fir-rigward tas-sitt talba attriċi, ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-atti tal-istat ċivili

relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għalhekk, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrenti, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

**13.** Illi l-esponent mhux responsabbli għall-ħruġ tal-passaporti, li mhumiex att tal-istat ċivili, u għalhekk m'għandux jinżamm responsabbli għad-dettalji li eventwalment jistgħu ikunu riprodotti fuq il-passaport Malti tar-rikorrenti;

**14.** Illi finalment, u dan mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk id-Direttur intimat m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**15.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi, li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.'

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat u kif ukoll dik esebita wara r-rikors guramentat;

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Ligi esebita a fol. 38 tal-process illi fil-mertu jirrizulta illi r-rikorrenti permezz ta' *Deed Poll* esebit fl-atti, bidlet isimha ghal dak ta' Raven Hodgson u ghalhekk

it-talbiet taghha sabiex isimha jigi rikonoxxut f'dan is-sens mill-awtoritajiet Maltin hija gjustifikata;

In vista ta' dak suespost il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

3. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-isem u l-kunjom korretti tar-rikorrenti huwa 'Raven Hodgson' kif validement mibdulha mir-rikorrenti permezz tad-*Deed Poll* datat l-20 ta' Gunju 2016;

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att tat-twelid tar-rikorrenti li jgib in-numru 2853/2022, u dan billi isem ir-rikorrenti jigi rrangat minn Jordan Mikela' ghal Raven' u kunjomha minn 'Attard Hodgson' ghal 'Hodgson', u dana fi żmien ghaxart ijiem minn meta din id-decizjoni tghaddi in gudikat;

5. Tilqa' r-raba' talba kif dedotta;

6. Tichad il-hames talba stante li mhux fil-poteri tad-Direttur intimat;

7. Tilqa' s-sitt talba sakemm din tirreferi ghal dokumentazzjoni fil-poter tad-Direttur intimat.

Fic-cirkostanzi bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**25 ta' Awwissu, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**25 ta' Awwissu, 2022**